SAN ĠWANN

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IS-SITT LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU WIEĦED**

**2 ta' Lulju, 2009**

Il-Kunsill Lokali San Ġwann iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 55, Triq R. Caruana Dingli, San Ġwann fis-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Il-Kunsilliera Rita Saliba, Anthony Mifsud Bonnici, Violet Bajada, Joseph Agius, Joan Farrugia, Etienne Bonello DuPuis, Marica Bayliss u Neville Mallia.

**SKUŻAT**

Il-Kunsillier David Dalli.

**UFFIĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Adrian Mifsud.

**MINUTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv laqa lill-Membri eletti.

## 1. Ħatra ta' *Chairperson* tal-Laqgħa

1.1 Hekk kif jitlob Artiklu 25 paragrafu (4) tal-Kapitlu 363 ta' l-Att dwar il-Kunsilli Lokali, il-Kunsillier Neville Mallia, bħala l-Kunsillier anzjan, ippresjeda il-laqgħa.

## 2. Ħatra ta' Sindku

2.1 Wara diskors ta' introduzzjoni, il-Kunsillier Neville Mallia nforma lil Kunsill illi skond Artiklu 25 (2) l-iżjed kandidat li jkun ġab voti fl-ewwel għadd mill-partit li jkun ġab il-maġġoranza fil-lokalita', jkun maħtur bħala Sindku.

## 3. Dikjarazzjoni ta' l-Aċċetazzjoni tal-Ħatra mis-Sindku

3.1 Il-Kunsillier Neville Mallia staqsa lil Kunsillier Joseph Agius jekk kienx lest li jaċċetta l-kariga ta' Sindku ghas-sitt leġislatura tal-Kunsill Lokali ta' San Ġwann.

3.2 Il-Kunsillier Joseph Agius aċċetta l-kariga ta' Sindku u ssottometta l-ittra ta' l-aċċetazzjoni tal-kariga lis-Segretarju Eżekuttiv.

3.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-*insigna* u l-*lapel badge* lis-Sindku.

3.4 Is-Sindku Joseph Agius ippresjeda l-laqgħa.

## 4. Ħatra ta' Viċi Sindku

4.1 Hekk kif stipulat fil-Liġi, it-tieni kandidat li ġab l-iżjed voti minn dak il-partit li jkun ġab il-maġġoranza fil-lokalita', għandu jkun maħtur bħala Viċi Sindku.

## 5. Dikjarazzjoni ta' l-Aċċetazzjoni ta' Viċi Sindku

5.1 Is-Sindku staqsa lil Kunsillier Etienne Bonello DuPuis jekk kienx lest li jaċċetta l-kariga ta' Viċi Sindku għas-sitt leġislatura.

5.2 Il-Kunsillier Etienne Bonello DuPuis aċċetta l-kariga ta' Viċi Sindku u ssottometta l-ittra ta' l-aċċetazzjoni tal-kariga lis-Segretarju Eżekuttiv.

5.3 Fi tmiem il-laqgħa, s-Sindku għamel diskors ta' introduzzjoni dwar il-ħidma tal-Kunsill għal din  il-leġislatura.

5.3 Il-laqgħa spiċċat fis-5.45 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum **_7_** ta’ Lulju, 2009

| | |
|---|---|
| Joseph Agius | Adrian Mifsud |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |